N° 13 19/4.

49

Fil-Prim' Awla Tal-Qorti Civili
Onor. Mhallef Dr. Lorraine Schembri Orland LLD

Rikors Nru. 769/16 LSO
Antonia Sant et
vs
Dr. Noel Bartolo LLD et noe et

REGISTRY SUPERIOR COURT
No: 828
09 APR 2018
PAID

# RELAZZJONI TAL-PERIT TEKNIKU
# AIC GODWIN P. ABELA

Differita 19 ta' April 2018

Jesponi bir-rispett:

1. **INKARIGU**
   Fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2018 gie nominat biex jaghmel stima tal-fond mertu tal-kawza.

2. **QADI TAL-INKARIGU**
   In dizimpenn tal-inkarigu moghti lilu, l-esponent ghamel access fuq il-post fil-15 ta' Marzu 2018. Il-verbal tal-access jinsab anness ma' din ir-relazzjoni.

3. **DESKRIZZJONI TAL-FOND**
   **3.01** Il-fond hu dar ta' zewg sulari kif delinejat fuq is-site plan u muri fir-ritratti hawn taht esibiti. Il-fond igib l-indirizz bin-numru 91 Triq San Frangisk, Hamrun.








51

**3.02** Il-fond jinkludi l-arja fuqu u fit-tieni sular *(first floor)* hu parzjalment sovvrastanti propjeta` ta' terzi.

**3.03** Fil-pjan terran *(ground floor)* il-fond ghandu kejl superficjali ta' circa 67 metri kwadri u jikkonsisti f'entrata li taghti ghall-tarag u ambjent centrali li jaghti ghall-kcina u breakfast room li fihom bieb ghall-bitha. Wara l-bitha hemm kamra zghira.

**3.04** Fit-tieni sular (first floor) il-fond ghandu kejl superficjali ta' circa 87 metri kwadri u jikkonsisti f'indana tat-tarag li taghti ghall-kamra kbira fuq quddiem b'gallarija tal-injam fuq it-triq; din il-kamra ghandha saqaf gholi. L-indana taghti wkoll ghall-kamra fuq wara b'loggja u tieqa fuq il-bitha. Tarag intern jaghti ghall-kamra tal-bejt u l-bejt.

**3.05** Il-fond kien mibni madwar mitt sena ilu b'hitan portanti tal-gebel u soqfa tax-xorok fuq travi tal-hadid.

**3.06** Il-fond jinsab f'kundizzjoni strutturali tajba pero internament ghandu bzonn ta' interventi biex jigi upgraded.

## 4. ZVILUPP POTENZJALI

**4.01** Il-fond jinsab f'zona fejn hu permissibbli zvilupp b'gholi ta' tlett sulari u dan skond il-Hamrun Building Heights Limitation Map formanti parti mis-Central Malta Local Plan.

**4.02** Skond id-DC 2015[1], li gie in vigore fi Frar 2016, l-gholi ta' tlett sulari gie tradott f' gholi ta' 15.40 metri; dan iffisser illi jistghu jinbnew zewg sulari fuq l-arja tal-fond ezistenti, wiehed b'faccata fuq it-triq u l-iehor irtirat il-gewwa.

## 5. TITOLU

Il-fond mizmum b'titolu liberu w frank minghajr pizijiet.

## 6. KIRJA

**6.01** Il-fond mikri lil Lucy Attard permezz ta' kirja qadima kontrollata; il-kera li tithallas hi ta' €203.12 fis-sena.

**6.02** L-inkwilina Lucy Attard, numru tal-karta ta' identita` 717834M ghandha erbgha w tmenin sena (84).

## 7. BAZI TA' VALUTAZZJONI

**7.01** Il-valutazzjoni tal-fond saret a bazi ta' diversi fatturi.

**7.02** Fl-ewwel lok il-valur tal-fond bil-metodu komparattiv li jikkunsidra l-valuri ta' fondi simili fl-istess zona, tenut kont tal-istat li jinsab fih il-fond in kwistjoni illum.

**7.03** Fit-tieni lok, il-fatt li l-arja tal-fond tista tigi zviluppata kif deskritt fil-paragrafi 4.01 u 4.02 aktar il-fuq, tenut kont tal-ispejjez konnessi ma tali zvilupp inkluz il-kostruzzjoni, finanzjament u spejjez ancillari ohra.

---

[1] *DC 2015 – Development Control Design Policy, Guidance & Standards 2015.*

52

**7.04** Fit-tielet lok, il-fatt li l-fond jinsab okkupat minn inkwilina bil-kera protetta taht il-ligi l-qadima u li l-inkwilina ghandha erbgha u tmenin (84) sena.

**8. VALUTAZZJONI**

**8.01** Wara li kkunsidra l-fatturi kollha imsemmija u deskritti aktar il-fuq, l-esponent hu tal-opinjoni li, l-fond mertu tal-kawza, li kieku mibjugh volontarjament minn sidu fuq is-suq miftuh illum, bhala fond vakanti, ghandu valur ta' **€240,000 (mitejn u erbghin elf ewro).**

**8.02** Il-valur prezenti *(Present Value)* tal-fond, bhala fond okkupat mill-inkwilina Lucy Attard hu ta' **€230,000 (mitejn u tlettin elf ewro).**

In adempiment tal-inkarigu lilu moghti, tant ghandu l-esponent x'jissottometti ghal wisq aktar savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Godwin P. Abela A&CE
Perit

Illum 09 APR 2018 P2

Ippreżentata mill Dr. G. Abela

bla dok./b diversi dokumenti

Sharon Tonna
Deputat Reġistratur
*Deputy Registrar*
Qrati tal-Ġustizzja (Malta)
*Law Courts (Malta)*

ILLUM 19 ta' April 2018
DEHER IL-PERIT LEGALI / TEKNIKU Godwin Abela LI HALEF LI QEDA FEDELMENT U ONESTAMENT L-INKARIGU MOGHTI LILU.

Josette Demicoli
Deputat Reġistratur

Fil-Prim' Awla Tal-Qorti Civili
Onor. Mhallef Dr. Lorraine Schembri Orland LLD

53

**Rikors Nru. 769/16 LSO**
**Antonia Sant et**
**vs**
**Dr. Noel Bartolo LLD et noe et**

Access mizmum illum 15 ta' Marzu 2018 fis-saghtejn fis-saghtejn ta' wara nofsinhar.

Prezenti:

Ir-rikorrenti John Sant u Raymond Sant assistiti minn Dott. David Farrugia Sacco.

L-inkwilina Lucy Attard.

Il-perit gudizzjarju acceda fil-fond in kwistjoni u ha konjizzjoni tal-istat tieghu, kif ukoll tat-tqassim intern u l-kejl superficjali intern. Il-perit acceda wkoll fuq il-bejt tal-fond fejn seta jikkonstata l-izvilupp li qed isir adjacenti mal-fond u l-ambjent taz-zona in generali. Il-perit ha diversi ritratti waqt l-access.

Il-perit ha d-dettalji personali tal-inkwilina ghal skopijiet ta' valutazzjoni.

Iffirmat

AIC Godwin P. Abela
Perit Tekniku

54

| GODWIN P. ABELA BA(ARCH) B.ARCH(HONS) A&CE | | | |
|---|---|---|---|
| PERIT TEKNIKU - DRITT U SPEJJEZ | | | |
| RIKORS NRU. | 769/16 LSO | DIFFERIMENT | 19/04/2018 |
| FL-ISMIJIET | Antonia Sant et vs Dr. Noel Bartolo et noe et | | |
| DRITT | RATA (€) | NUMRU | TOTAL (€) |
| Valutazzjoni | 0.003 | 240000 | 720.00 ✓ |
| Opinjonijiet - Punti Trattati | 116.47 | 1 | 116.47 ✓ |
| Opinjonijiet - Danni/Kumpens | 232.94 | | 0.00 |
| Stima ta'xogholijiet | 5% | | 0.00 |
| Stima ta'xogholijiet | 2% | | 0.00 |
| TOTAL DRITTIJIET | | | 836.47 |
| SPEJJEZ | RATA (€) | NUMRU | TOTAL (€) |
| Access | 32.00 | 1 | 32.00 ✓ |
| Seduti | 24.00 | | 0.00 |
| Pjanta A4 | 58.23 | | 0.00 |
| Pjanta A3 | 87.35 | | 0.00 |
| Pjanta A2 | 160.14 | | 0.00 |
| Pjanta A1 | 233.00 | | 0.00 |
| Trasport | 6.99 | 1 | 6.99 ✓ |
| Typing Relazzjoni | 0.70 | 3 | 2.10 ✓ |
| Kopji Relazzjoni | 0.23 | | 0.00 |
| Traskrizzjoni Verbali | 0.70 | 1 | 0.70 ✓ |
| Kopji Verbali/Dokumenti | 0.23 | | 0.00 |
| Notifiki | 1.16 | | 0.00 |
| Ritratti | 1.16 | 1 | 1.16 ✓ |
| Aerial Photographs | 13.50 | | 0.00 |
| TOTAL SPEJJEZ | | | 42.95 |
| TOTAL DRITT U SPEJJEZ | | | 879.42 |
| VAT | 18% | 879.42 | 158.30 |
| TOTAL DOVUT | | | 1,037.72 |

55

**Citazzjoni Numru: 769/2016/LSO**

**Drittijiet Perit Tekniku Godwin P Abela**

| | | |
|---|---|---|
| Valutazzjoni | €240,000 x 0.003 | 720.00 |
| Opinjoni | 1 x €116.47 | 116.47 |
| Access | 1 x €32 | 32.00 |
| Transport | 1 x €6.99 | 6.99 |
| Ritratti / Stampi bil-kulur | 1 x €1.16 | 1.16 |
| Traskrizzjoni tal-vebal | 1 x €0.70 | 0.70 |
| Typing – Relazzjoni | 3 x €0.70 | 2.10 |
| SUB-TOTAL | | **€879.42** |
| Vat 18 % | | € 158.30 |
| **TOTAL** | | **€1037.72** |